GĦAWDEX

JIĊĊELEBRA L-FESTI PRINĊIPALI F'ĠIEĦ

IL-PROTETTUR SETGĦAN TIEGĦU

# SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI

IL-PATRUN

TAD-DJOĊESI U TAL-BELT VICTORIA

U

T-TITULAR

TAL-KNISJA PROTOPARROKKJALI U ARĊIMATRIĊI

BAŻILIKA U KOLLEĠĠJATA LATERANENSI *IN URBE*

OMM IL-PARROĊĊI TAL-GZIRA

**8 ta' Ġunju ~ 18 ta' Lulju**

**2010**

**Il-*Victoria International Arts Festival***

Dan il-festival internazzjonali, fil-kuntest tal-festa ta' San Ġorġ, twieled fl-1998 bħala offerta ta' kultura għolja li tagħni b'dimensjoni ġdida u tikkostitwixxi żvilupp oriġinali fil-festa tradizzjonali Maltija. Kulħadd huwa mistieden għas-serati kollha, li huma mingħajr ħlas, propju sabiex jitħares il-karattru popolari ta' dan il-festival. Din it-tlettax-il edizzjoni qed tinżamm taħt il-patroċinju tal-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Kultura, l-Onor. Dolores Cristina.

**IT-TLIETA 8 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mis-*St James Consort* (*leader*: Sarah Spiteri) (Malta), fil-bażilika.

**L-ERBGĦA 9 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert minn *Gli Armonici Chamber Orchestra* (direttur: Umberto Bruno) (Sqallija), fil-bażilika.

**IL-ĦAMIS 10 TA' ĠUNJU**

**Il-ħames Ħamis ta' San Ġorġ**

**6.00pm:** Quddiesa kantata bil-priedka minn Patri Peter Paul Cachia OSA.

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert minn *Gli Armonici Chamber Orchestra* (direttur: Umberto Bruno) (Sqallija), fil-bażilika.

**IL-ĠIMGĦA 11 TA' ĠUNJU**

*Is-solennità tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù*

**9.00am:** Konċelebrazzjoni konventwali ppreseduta mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona, bis-sehem ta' l-i*Schola Cantorum Gregoriana* tal-bażilika, li tagħti bidu għal jum ta' adorazzjoni solenni.

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mill-flawtisti Ramona u Silvio Zammit (Malta) u l-organista Richard Vendome (l-Ingilterra), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IS-SIBT 12 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mis-sopran Hannah Nye u l-pjanista Richard Vendome (l-Ingilterra), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, u ftuħ ta' wirja artistika *Variety* ta' l-artist Sascha Meyer (il-Ġermanja).

**IL-ĦADD 13 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mill-pjanisti Natascha Chircop (Malta) u Marco Rivoltini (l-Italja), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IT-TNEJN 14 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mill-*Operatic Studio Teatru Astra* (kordinatriċi: Anoushka Mukherjee) (Malta), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IT-TLIETA 15 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mis-*Saxiano Duo* (in-Norveġja), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**L-ERBGĦA 16 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mill-flawtista Ana Domančić Krstulović (il-Kroazja) u l-pjanista Elizabeth Leonardi (Malta), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĦAMIS 17 TA' ĠUNJU**

**Is-sitt Ħamis ta' San Ġorġ**

**6.00pm:** Quddiesa kantata bil-priedka mill-Kan. Ġużeppi A. Borg.

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mis-*Swarzenberg Pianoforte Trio* (l-Awstrija), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĠIMGĦA 18 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**7.00pm:** Preżentazzjoni uffiċjali tal-Proġett ta' Mużew Storiku u Ċentru Kulturali tal-Bażilika, *Il-Ħaġar – The Making of a People,* bis-sehem tal-Kor *Laudate Pueri* (Malta), fil-bażilika.

**IS-SIBT 19 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinċellista Simon Abdilla Joslin u l-pjanista Joanne Camilleri (Malta), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĦADD 20 TA' ĠUNJU**

**6.30pm:** Ordinazzjoni djakonali tas-seminarista Simon M. Cachia, fil-Katidral ta' l-Assunta.

**IT-TNEJN 21 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mill-*Oden Ensemble for Contemporary Music* (*leader*: Christophe Vella) (Franza), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IT-TLIETA 22 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Preżentazzjoni tad-dramm *Ashes to Ashes* (Harold Pinter), bis-sehem tal-*Gozo Creative Theatre Club* (direttur: George Mizzi) (Malta), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**L-ERBGĦA 23 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mill-kitarrista Simon Schembri (Franza), fil-bażilika.

**IL-ĦAMIS 24 TA' ĠUNJU**

*Is-solennità tat-Twelid ta' San Ġwann l-Għammiedi*

**9.00am:** Konċelebrazzjoni solenni ppreseduta mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona, bis-sehem ta' l-i*Schola Cantorum Gregoriana* tal-bażilika.

**Is-seba' Ħamis ta' San Ġorġ**

**6.00pm:** Quddiesa kantata bil-priedka minn Mons. George Bezzina.

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mis-sopran Georgina Gauci u l-pjanista Maria Frendo (Malta), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĠIMGĦA 25 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mit-*TamborTango Quartet* (Franza/l-Arġentina), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IS-SIBT 26 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert ta' mużika ta' Chopin mill-pjanista Marko Hilpo (il-Fillandja), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĦADD 27 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mis-*Sakyr Piano Quartet* (ir-Repubblika Ċeka/il-Fillandja/il-Korea ta' Isfel), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IT-TNEJN 28 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinċellista Kyung Mi Lee (il-Korea ta' Isfel) u l-pjanista Michelangelo Carbonara (l-Italja), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IT-TLIETA 29 TA' ĠUNJU**

*Is-solennità ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl*

**9.00am:** Konċelebrazzjoni solenni ppreseduta mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona, bis-sehem ta' l-i*Schola Cantorum Gregoriana* tal-bażilika.

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mill-pjanista Michelangelo Carbonara (l-Italja), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**L-ERBGĦA 30 TA' ĠUNJU**

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mill-*Martinů String Quartet* (ir-Repubblika Ċeka), fil-bażilika.

**IL-ĦAMIS 1 TA' LULJU**

**It-tmien Ħamis ta' San Ġorġ**

**6.00pm:** Quddiesa kantata bil-priedka minn Dun Ġużepp Gauci.

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** *The Composer Speaks* minn Karl Fiorini u *Debutants Concert* (Malta), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĠIMGĦA 2 TA' LULJU**

**6.00pm:** Quddiesa minn Mons. Emanuel Curmi, direttur tal-*Caritas* djoċesana, għall-persuni b'diżabbiltà minn Għawdex kollu. Wara, ikla tal-festa għalihom organizzata mil-*Ladies Society* tal-parroċċa, fuq il-bejt taċ-ċentru parrokkjali.

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mill-*Ensemble A11* (l-Italja), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**In-Novena ta' San Ġorġ**

In-Novena hi sensiela ta' disat ijiem ta' tħejjija spiritwali li jwasslu għall-ġimgħa tal-festa, immirati b'mod speċjali għat-tfal u l-familji kollha tal-parroċċa. Il-Quddiesa titmexxa mill-Kan. Emanuel Buttigieg, u fil-ħin ta' l-omelija jittellgħu episodji minn *Ħareġ rebbieħ biex jirbaħ* (2000), rappreżentazzjoni drammatika miktuba minn Mons. Salv Borg b'kateketi fuq il-ħajja u l-martirju ta' San Ġorġ, bi produzzjoni ta' l-uffiċċju parrokkjali u direzzjoni ta' Antonella Zammit. Tul il-jiem tan-Novena ssir ukoll il-kampanja ta' ġenerożità waqt li fi tmiem il-Quddiesa jintrebħu rigali għat-tfal li jattendu.

**IS-SIBT 3 TA' LULJU**

**L-ewwel jum tan-Novena**

**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bl-ewwel episodju: *Imwieled fir-rebħa biex jirbaħ*.

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinċellista Daniel Veis u l-pjanista Helena Veisová (ir-Repubblika Ċeka), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĦADD 4 TA' LULJU**

**It-tieni jum tan-Novena**

**11.00am:** Konċelebrazzjoni solenni ppreseduta mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona, f'għeluq l-għaxar anniversarju mill-ftuħ ta' l-istudjows ta' l-istazzjon komunitarju tar-radju *Leħen il-Belt Victoria*. Fi tmiemha, inawgurazzjoni uffiċjali tal-verżjoni l-ġdida tas-sit elettroniku ta' l-istazzjon www.lbv104.com.

**6.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tieni episodju: *Imsebbaħ bil-grazzja biex jirbaħ*.

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mil-*La Stella Soloists* (Malta), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IT-TNEJN 5 TA' LULJU**

**It-tielet jum tan-Novena**

**6.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tielet episodju: *Mimli bl-imħabba biex jirbaħ*.

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mis-*Seflonè String Trio* (l-Awstrija/is-Serbja), fil-bażilika.

**IT-TLIETA 6 TA' LULJU**

**Ir-raba' jum tan-Novena**

**6.00pm:** Quddiesa tan-Novena bir-raba' episodju: *Jitqabad fis-sewwa biex jirbaħ*.

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mill-*Anon String Quartet* (Malta), fil-bażilika.

**L-ERBGĦA 7 TA' LULJU**

**Il-ħames jum tan-Novena**

**6.00pm:** Quddiesa tan-Novena bil-ħames episodju: *Jitħeġġeġ bix-xhieda biex jirbaħ*.

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mis-soprani Sophie u Mary Bevan u l-pjanista Sebastian Wibrew (l-Ingilterra), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĦAMIS 8 TA' LULJU**

**Is-sitt jum tan-Novena**

**Id-disa' u l-aħħar Ħamis ta' San Ġorġ**

**10.00am:** Quddiesa għall-anzjani u l-morda minn Dun Geoffrey George Attard, bis-sehem tal-membri u l-voluntiera ta' l-Ordni Sovran Ospidalier u Militari ta' San Ġwann ta' Malta, li

fiha jiġi amministrat is-sagrament tad-Dilka tal-Morda. Wara, *Tombola Get-Together* fiċ-ċentru parrokkjali organizzat mil-*Ladies Society* tal-parroċċa.

**6.00pm:** Quddiesa tan-Novena bis-sitt episodju: *Jegħleb il-biża' biex jirbaħ.*

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert mill-vjolista Pierre Henri Xuereb u l-pjanista Nathalie Lanoë (Franza), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĠIMGĦA 9 TA' LULJU**

**Is-seba' jum tan-Novena**

**6.00pm:** Quddiesa tan-Novena bis-seba' episodju: *Iħaddan qillet il-mewt biex jirbaħ*.

*Victoria International Arts Festival*

**7.30pm:** Kunċert mill-vjolinista Dejan Bogdanovich (is-Serbja) u l-pjanista Gabriele Vianello (l-Italja), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IS-SIBT 10 TA' LULJU**

**It-tmien jum tan-Novena**

**6.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tmien episodju: *Isaltan fis-Sema biex ikompli jirbaħ*.

*Victoria International Arts Festival*

**9.00pm:** Kunċert mir-*Rochester Cathedral Choir* (direttur: Scott Farrell) (l-Ingilterra), fil-bażilika.

**IL-ĦADD 11 TA' LULJU**

**Id-disa' u l-aħħar jum tan-Novena**

**11.00am:** Konċelebrazzjoni solenni ta' radd il-ħajr ippreseduta mill-Kan. Ġużeppi Sacco, teologu tal-kapitlu Ġorġjan, fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju presbiterali tiegħu. Jieħu sehem il-Kor *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo. Jiġu esegwiti l-*Missa de Angelis* b'arranġament polifoniku ta' Domenico Bartolucci u motetti sagri ta' Giovanni Pier Luigi da Palestrina, Lorenzo Perosi u Domenico Bartolucci.

**6.00pm:** Quddiesa tan-Novena bid-disa' episodju: *Isaltan fuq l-art biex jirbaħ u jrebbaħ.*

*L-aħħar Quddiesa tal-ġurnata tkun fis-**7.30pm** u mhux fis-7.00pm.*

**7.30pm:** *Party* kbir għat-tfal fuq il-bejt taċ-ċentru parrokkjali.

**IT-TNEJN 12 TA' LULJU**

**7.00pm:** Tiġrijiet tradizzjonali fi Triq ir-Repubblika bis-sehem ta' bhejjem minn Malta u Għawdex. Fi tmiem it-tiġrijiet l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, u Dr Samuel Azzopardi, Sindku tal-belt Victoria, iqassmu t-trofej lir-rebbieħa.

*Victoria International Arts Festival*

**8.00pm:** Kunċert sinfoniku u korali bis-sehem ta' l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali (Malta), il-Kor *Laudate Pueri* (Malta), ir-*Rochester Cathedral Choir* (l-Ingilterra), il-vjolista Pierre Henri Xuereb (Franza), il-vjolinista Dejan Bogdanovich (is-Serbja), is-sopran Sophie Bevan (l-Ingilterra) u t-tenur Nicholas Scott (l-Ingilterra), taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella (1942- ), *maestro di cappella* tal-bażilika u direttur artistiku tal-festival.

**IT-TLIETA 13 TA' LULJU**

**6.00pm:** Quddiesa mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb.

**7.00pm:** Marċ brijuż mill-Banda Ċittadina *La Stella* minn Taċ-Ċawla sa Pjazza San Ġorġ.

**8.00pm: Ħruġ tradizzjonali min-niċċa ta' l-istatwa ta' San Ġorġ (1838), kapulavur fl-injam ta' Pietru Pawl Azzopardi u l-ewwel statwa titulari ta' Għawdex. Ġabra speċjali għall-festa.**

**8.45pm:** *Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana* miż-żgħażagħ Ġorġjani fil-bażilika, organizzata mill-grupp *23four>>*, bis-sehem tat-*23four Youth Band & Choir* (direzzjoni: Richard Grech), li tinkludi mumenti ta' talb, riflessjoni u kant immexxija mid-djaknu Simon M. Cachia.

**9.30pm:** Marċ brijuż mill-Banda *Ite ad Joseph* (il-Qala) minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ, fejn jingħata bidu għal dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ (1991), xogħol ta' Austin Camilleri.

**L-ERBGĦA 14 TA' LULJU**

**L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

**6.00pm:** L-aħħar Quddiesa tal-ġurnata.

**6.30pm: Kant solenni ta' l-Għasar mill-kapitlu tal-kolleġġjata flimkien mal-komunità Kristjana, ippresedut minn Mons. George Grima. Priedka minn Mons. George**

**Bezzina. Innu, antifona u barka Ewkaristika ppreseduti mill-Kan. On. Tonio Galea, kappillan tal-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu tal-Munxar.**

*Matul il-jiem tat-Tridu l-kant* a cappella *jsir mill-kor tal-bażilika* Laudate Pueri *u l-i*Schola Cantorum Gregoriana *taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo. Jiġu esegwiti l-innu* Georgi Miles Inclite *(1878), għal solisti, kor* a 3 voci pari *u orkestra, kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1852-1925), u l-antifona* Beatus Georgius *(pre-1890), mużika ta' Mro Paolo Fiammingo u versi ta' San Pier Damiani (1007-1072). Jieħdu sehem is-solisti Antonino Interisano (tenur) u Jaki Jurgec (baritonu). Il-kor u l-orkestra jkunu taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella,* maestro di cappella.

**9.30pm:** Marċi brijużi mill-Banda Ċittadina *La Stella* u l-Banda *Santa Margerita* (Ta' Sannat), li jibdew minn Triq Għajn Qatet u Triq l-Arċisqof Pietru Pace rispettivament, sa Pjazza San Franġisk.

**10.00pm: Dimostrazzjoni popolari bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel (1987), xogħol ta' Alfred Camilleri Cauchi, bis-sehem taż-żewġ baned minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza San Ġorġ. Il-Banda Ċittadina *La Stella* żżanżan is-sett ta' marċi ġodda għas-sena.**

**IL-ĦAMIS 15 TA' LULJU**

**IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

**9.00am:** Konċelebrazzjoni solenni mill-kapitlu u l-kleru, ippreseduta mill-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia, għall-erwieħ tar-ragħajja spiritwali u s-saċerdoti l-oħra li taw servizz fi ħdan il-komunità parrokkjali Ġorġjana.

**6.00pm:** L-aħħar Quddiesa tal-ġurnata.

**6.30pm: Kant solenni ta' l-Għasar mill-kapitlu tal-kolleġġjata flimkien mal-komunità Kristjana, ippresedut minn Mons. Felix Tabone, vigarju parrokkjali. Priedka minn Mons. George Bezzina. Innu, antifona u barka Ewkaristika ppreseduti minn Mons. Jimmy Xerri, arċipriet tal-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur.**

**9.00pm:** Marċ mill-Banda *Santa Katarina* (iż-Żurrieq) minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ.

**9.30pm: Dimostrazzjoni trijonfali bl-istatwa ta' San Ġorġ, Patrun ta' Għawdex (2008), xogħol ta' Michael Camilleri Cauchi, bis-sehem tal-Baned *Santa Katarina* (iż-Żurrieq) u *Santa Marija* (iż-Żebbuġ) minn Pjazza San Ġorġ sa Pjazza Savina.**

**IL-ĠIMGĦA 16 TA’ LULJU**

**IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**

**9.00am:** Konċelebrazzjoni solenni mill-kapitlu u l-kleru, ippreseduta mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona, b’talb speċjali b’suffraġju tal-membri tal-parroċċa li ħallew din id-dinja matul is-sena li għaddiet.

**6.00pm:** L-aħħar Quddiesa tal-ġurnata.

**6.30pm: Kant solenni ta’ l-Għasar mill-kapitlu tal-kolleġġjata flimkien mal-komunità Kristjana, ippresedut minn Mons. Alfred Xuereb, segretarju personali tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI. Priedka minn Mons. George Bezzina. Innu, antifona u barka Ewkaristika ppreseduti mill-Kan. On. Dr Joe Zammit, arċipriet tal-parroċċa ta’ l-Immakulata Kunċizzjoni u San Ġużepp tal-Qala.**

**9.30pm:** Marċ mill-Banda *Prekursur* (ix-Xewkija), minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ, fejn tesegwixxi programm mużikali taħt id-direzzjoni ta’ Mro Tonio Borg.

**9.30pm: Dimostrazzjoni grandjuża bl-istatwa ta’ San Ġorġ Rebbieħ (1894), kapulavur ta’ Vincenzo Cremona u l-ewwel statwa għall-festi esterni f’Għawdex. Tmexxi d-dimostrazzjoni mat-toroq ewlenin tal-belt Victoria l-Banda Ċittadina *La Stella*. Tieħu sehem ukoll il-Banda *Mnarja* (in-Nadur).**

**IS-SIBT 17 TA’ LULJU**

**TMIEM IT-TRIDU MQADDES**

**10.00am: Konċelebrazzjoni pontifikali ppreseduta mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, isqof emeritu ta’ Għawdex u dekan emeritu tal-kolleġġjata, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika. Kant solenni tat-*Te Deum*.**

**11.00am:** Marċ brijuż mill-Banda Ċittadina *La Stella*, minn Pjazza San Ġorġ sal-Każin *La Stella* fi Triq ir-Repubblika.

**LEJLET IS-SOLENNITÀ**

**5.00pm:** Quddiesa tal-vġili tas-solennità.

**6.00pm:** Marċ mill-Banda Ċittadina *La Stella* mill-każin sa Pjazza San Ġorġ, fejn tilqa’ l-wasla ta’ l-E.T. Mons. Mario Grech, isqof djoċesan, li jasal mill-palazz veskovili akkumpanjat mill-kapitlu u l-kleru tal-kolleġġjata Lateranensi.

**6.30pm: TRANSLAZZJONI SOLENNI U ĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI TA’ L-EWWEL GĦASAR TAS-SOLENNITÀ, IPPRESEDUTI MILL-E.T. MONS. MARIO**

**GRECH, ISQOF TA' GĦAWDEX U DEKAN TAL-KOLLEĠĠJATA ĠORĠJANA, ASSISTIT MINN DELEGAZZJONI TAL-KAPITLU KATIDRALI U L-KAPITLU TAL-KOLLEĠĠJATA *IN URBE*.**

**7.45pm: Barka Ewkaristika mill-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia, president tal-kummissjoni *Il-Knisja f'Malta u fl-Ewropa* tal-Konferenza Episkopali Maltija, u delegat djoċesan għall-kultura.**

*Jiġi esegwit l-Għasar* Vespri per la Solennità di San Giorgio Martire *(1900) għal solisti, kor* a 4 voci pari *u orkestra, kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia. Jiġu esegwiti wkoll iż-żewġ antifoni* Beatus Georgius, *ta' Mro Paolo Fiammingo (pre-1890) u ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1897), u t-*Tantum Ergo in onore di San Giorgio Martire *(1901) ta' Mons. Giuseppe Farrugia.*

**8.00pm:** Programm mużikali mill-Banda Ċittadina *King's Own* (il-belt Valletta) fi Pjazza San Ġorġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr John Galea.

**9.30pm: Fi Pjazza San Ġorġ, eżekuzzjoni mill-Banda Ċittadina u Dekana *La Stella* ta' l-innu immortali *A San Giorgio Martire* (1931), versi tal-Prof. Luigi Billion (1860-1939) u mużika ta' Mro Giuseppe Giardini Vella (1895-1974), taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur il-Prof. Joseph Vella.**

**10.00pm: Marċ singulari u kolossali bis-sehem taż-żewġ Baned Ċittadini *La Stella* u *King's Own* (il-belt Valletta), li matulu jdoqqu flimkien bħala *massed band* fi Triq ir-Repubblika. Logħob kbir tan-nar fi Pjazza San Franġisk.**

**IL-ĦADD 18 TA' LULJU**

**IS-SOLENNITÀ TA' SAN ĠORĠ**

**7.45am:** Marċ mill-Banda *Ite ad Joseph* (il-Qala) minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ.

**8.00am:** Il-kapitlu u l-kleru tal-kolleġġjata urbana jakkumpanjaw proċessjonalment lill-Isqof djoċesan mill-palazz veskovili sal-bażilika Ġorġjana. Kant tat-Terza fis-sagristija maġġuri.

**8.20am:** Wasla ta' l-E.T. Dr George Abela, President tar-Repubblika ta' Malta.

**8.30am: KONĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI PPRESEDUTA MILL-E.T. MONS. MARIO GRECH, ISQOF TA' GĦAWDEX U DEKAN TAL-KOLLEĠĠJATA, ASSISTIT MINN RAPPREŻENTANTI TAL-KAPITLU KATIDRALI, IL-KAPITLU TAL-KOLLEĠĠJATA LATERANENSI, IL-KLERU TAL-BAŻILIKA URBANA, U MEMBRI TAL-KLERU SEKULARI U RELIĠJUŻ. L-ISQOF JINSEĠ OMELIJA B'TIFĦIR U GLORJA LIL SAN ĠORĠ, IL-PATRUN TAD-DJOĊESI. L-ASSEMBLEA TKUN TAĦT IL-PATROĊINJU TAL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA, L-E.T. DR GEORGE ABELA.**

*Tiġi esegwita l-*Mass in D in honour of St George "Princeps Martyrum" *(1976) għal solisti, kor* a 4 voci dispari *u orkestra, kompożizzjoni tal-Prof. Joseph Vella,* maestro di cappella *tal-bażilika u surmast direttur tal-Banda Ċittadina* La Stella*. Jieħdu sehem is-solisti Miriam Cauchi (sopran), Antonino Interisano (tenur) u Jaki Jurgec (baritonu).*

**11.00am:** Marċ brijuż u popolari fiċ-ċentru tal-belt Victoria, bis-sehem tal-Baned *San Ġorġ* (Ħal Qormi) u *Santa Margerita* (Ta' Sannat).

**5.00pm:** Quddiesa minn Mons. Ġużeppi Attard, arċipriet tal-Katidral ta' Għawdex.

**6.00pm: Ċelebrazzjoni solenni tat-Tieni Għasar tas-solennità mill-kapitlu tal-kolleġġjata urbana u l-kleru tal-bażilika, ippreseduta minn Mons. Giovanni Bosco Gauci, vigarju ġenerali ta' Għawdex.**

*Jiġu esegwiti s-salmi tat-*Tieni Vespri ta' San Ġorġ, *kompożizzjoni tal-Prof. Joseph Vella, mill-Kor* Laudate Pueri *tal-bażilika.*

**6.15pm:** Marċ mill-Banda Ċittadina *La Stella* minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ.

**7.00pm: Tibda ħierġa l-purċissjoni pontifikali waqt li l-Banda Ċittadina *La Stella* tilqa' l-ħruġ solenni ta' l-istatwa titulari tal-Patrun tal-belt u l-gżira bl-innu reliġjuż *Georgius natus est* (1984), versi tal-Kan. Joe Mejlak (1944-2008) u mużika tal-Prof. Joseph Vella.**

**7.15pm: Il-Banda Ċittadina *La Stella* ssellem lil San Ġorġ, il-Patrun tad-djoċesi, bl-eżekuzzjoni ta' l-innu l-kbir immortali *A San Giorgio Martire*, versi tal-Prof. Luigi Billion u mużika ta' Mro Giuseppe Giardini Vella, bis-sehem tat-tenur Antonino Interisano (l-Italja), il-baritonu Jaki Jurgec (is-Slovenja) u l-kor tas-soċjetà filarmonika.**

*Kien dan l-innu li fl-1931 beda t-tradizzjoni ta' l-innu l-kbir fil-ftuħ tal-purċissjonijiet titulari, liema tradizzjoni ġiet adottata mill-parroċċi l-oħra kollha ta' Għawdex.*

**7.30pm: TIBDA TIMMARĊJA L-PURĊISSJONI PONTIFIKALI, IMMEXXIJA MILL-E.T. MONS. MARIO GRECH, ISQOF TA' GĦAWDEX U DEKAN TAL-KOLLEĠĠJATA, ASSISTIT MINN RAPPREŻENTANTI TAL-KAPITLU KATIDRALI, U BIS-SEHEM TAL-KAPITLU U L-KLERU TAL-BAŻILIKA, L-ORDNIJIET RELIĠJUŻI TAL-BELT VICTORIA, IS-SEMINARISTI TAD-DJOĊESI, U L-FRATELLANZI TAL-KNISJA PROTOPARROKKJALI U ARĊIMATRIĊI. TAKKUMPANJA L-BANDA ĊITTADINA U DEKANA *LA STELLA* BID-DAQQ TA' INNIJIET RELIĠJUŻI.**

**8.00pm:** Marċ mill-Banda *San Ġużepp* (Għajnsielem) minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza Indipendenza, fejn tesegwixxi programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Sunny Galea.

**8.15pm:** Marċ mill-Banda *Mnarja* (in-Nadur) minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza San Ġorġ, fejn tesegwixxi programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Grech.

**10.00pm: Dħul trijonfali ta' l-istatwa ta' San Ġorġ fil-bażilika urbana fost il-briju u l-kant mill-poplu Għawdxi u Malti ta' l-innu popolari *Lill-Kbir Martri San Ġorġ* (1952),**

**versi ta’ Patri Akkursju Xerri OFM (1915-1968) u mużika ta’ Mro Vincenzo Ciappara (1890-1969).**

**10.30pm: Antifona u barka Ewkaristika mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona, li bihom jintemmu dawn il-festi prinċipali ta’ Għawdex f’ġieħ San Ġorġ, sa mill-qedem il-protettur tal-poplu Għawdxi.**

**11.00pm:** Marċ brijuż mill-Banda Ċittadina *La Stella* minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ.

## QUDDIES U QRAR FIL-BAŻILIKA

Jekk irridu li jkollna festa kif tixraq, għandna nimpenjaw ruħna u nħeġġu lil xulxin għall-Qrar u għall-Quddiesa ta’ kuljum fil-jiem tal-festa. F’San Ġorġ il-Qrara tajba u t-Tqarbina huma essenzjali. Bħas-soltu l-Qrar jista’ jsir fil-ġranet kollha tal-festa, imma l-penitenti huma mitluba biex jaħsbu kemm jista’ jkun fil-jiem ta’ qabel, f’ħinijiet barra mill-funzjonijiet.

Il-Quddies f’jum il-festa jkun hekk:

Fil-għodu: 4.00, 5.00, 6.00, 6.30, 7.00, 7.30 (fil-bażilika), 8.00 (fiċ-ċentru parrokkjali), 8.30 (fil-bażilika), 10.00 (fiċ-ċentru parrokkjali), 11.00 u 12.00 (fil-bażilika).

Fil-għaxija: 4.00 u 5.00 (fil-bażilika).

## QUDDIES FID-DJAR TAL-MORDA U L-ANZJANI

Bejn it-Tnejn 5 u s-Sibt 10 ta’ Lulju 2010 saċerdoti tal-parroċċa jkunu disponibbli biex jiċċelebraw il-Quddiesa u jamministraw is-sagramenti tal-Qrar u l-Griżma tal-Morda fid-djar tal-morda u l-anzjani tal-parroċċa. Dawk li jixtiequ li xi saċerdot iżur id-dar tagħhom għandhom jikkuntattjaw lill-uffiċċju parrokkjali (21 556 377).

## IKONA PRESIDENZJALI F’JIEM IL-FESTA

Bi tradizzjoni mibdija fi żmien l-E.T. il-Prof. Guido de Marco, din is-sena wkoll l-E.T. Dr George Abela, President ta’ Malta, qed jogħġbu jibgħat għal jiem ta’ qima fostna l-ikona Russa ta’ San Ġorġ miżmuma fil-palazz presidenzjali ta’ San Anton, Malta. Ix-xbihat tal-martri huma għajnuna biex inħossu l-preżenza konkreta tal-qawwa ta’ Alla fostna.

L-ikona tkun esposta fil-bażilika u, filwaqt li nammiraw il-ġmiel tagħha, għandna niftakru f'ħutna l-Kristjani li jgħixu fl-artijiet tar-Russja u nitolbu għal għaqda akbar bejn il-Knisja Kattolika u l-Knejjes Ortodossi tal-Lvant.

**MUŻIKA SAGRA FIL-BAŻILIKA**

Napprezzaw l-impenn kbir li sar biex il-kompożizzjonijiet ta' mużika sagra unika li għandna jiġu esegwiti bl-aqwa mod possibbli. Il-mużika tkun esegwita mill-kor tal-bażilika *Laudate Pueri* u l-*Victoria Festival Orchestra*. Għall-okkażjoni l-kor jiġi kkumplimentat b'koristi Maltin u barranin, fosthom mill-kor pontifiċju *Cappella Sistina* u l-*Coro dell'Accademia di Santa Cecilia*, kif ukoll solisti lokali u barranin.

Il-mużika fil-bażilika, kemm fil-jiem tat-Tridu u kemm lejlet u nhar il-festa, tkun taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella*. Il-mużika fil-bażilika matul il-festa hi organizzata mill-Kan. George J. Frendo, assistent *maestro di cappella*, u Dr Maria Frendo, *leader* tal-Kor *Laudate Pueri*. Is-solisti huma s-sopran Miriam Cauchi (Malta), it-tenur Antonino Interisano (l-Italja) u l-baritonu Jaki Jurgec (is-Slovenja). CDs bil-mużika esegwita jistgħu jinkisbu mill-bażilika.

**TRASMISSJONIJIET TAL-FESTA FUQ IT-TELEVIŻJONI, IR-RADJU U L-WEBSAJT**

It-trasmissjonijiet bir-radju jsiru għal dawk li ma jistgħux jiġu l-knisja. Fil-każ ta' l-anzjani r-radju hu għajnuna, fil-każ ta' min m'hux ir-radju jsir strument ta' abbuż. It-trasmissjonijiet u r-ritratti permezz tal-websajt huma għal dawk li huma ħafna 'l bogħod minna. Infurmaw lill-emigranti tagħkom b'dan.

Mill-20 ta' Ġunju 2010 l-istazzjon tar-radju tal-parroċċa *Leħen il-Belt Victoria* (104FM MHz Stereo) ixandar bi skeda sħiħa l-funzjonijiet liturġiċi u l-attivitajiet esterni kollha marbuta mal-festa, flimkien ma' programmi reliġjużi, kulturali u ta' attwalità, mill-istudjows fi Pjazza San Ġorġ, mill-bażilika Ġorġjana, miċ-ċentru parrokkjali, u mill-pjazez u t-triqat tal-belt Victoria.

Il-funzjonijiet kollha tal-festa jistgħu jiġu segwiti fuq il-websajt tar-radju *www.lbv104.com*, li tista' tintlaħaq ukoll mill-websajt tal-bażilika *www.stgeorge.org.mt*, fejn mhux biss jintwerew u jinstemgħu t-trasmissjonijiet kollha, imma jkun offrut ukoll servizz immedjat u estensiv ta' ritratti ta' l-attivitajiet festivi.

Nhar il-Ħadd 18 ta' Lulju 2010, fil-għaxija, l-istazzjon televiżiv *Net TV* ixandar il-programm *Forċina*, b'kollegamenti diretti mill-purċissjoni.

## OPRI U XOGĦLIJIET EWLENIN FIS-SENA 2010

### BAŻILIKA SAN ĠORĠ

Sett ta' ġinokkjaturi maħduma fl-injam tar-ruvlu u mogħtija lill-bażilika minn Francis X. Borg.

Siġġijiet ġodda, imħallsa mill-ġbir tal-lotteriji, għall-użu tal-bażilika u taċ-ċentru parrokkjali.

Imsiemer għall-istatwa ta' Ġesù Kurċifiss, maħduma fil-fidda u maħsula fid-deheb għand id-ditta *Laga Company Ltd* (Ħal Luqa).

Tkomplija fix-xogħol fuq l-istatwa l-ġdida ta' Ġesù fl-Ort tal-Ġetsemani maħduma fl-injam minn Michael Camilleri Cauchi.

Sett ġdid ta' konfratiji u barnużi għall-penitenti li jġorru s-slaleb fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, maħduma fl-istil tradizzjonali minn Ġorġa, Rose u George Camilleri.

Stallazzjoni ta' sistema u apparat ġodda għall-istudjows ta' l-istazzjon komunitarju tar-radju *Leħen il-Belt Victoria* 104FM: tiġdid tas-*server* u *extra cards*, *NAS+2 HDD*, *ARM-88 Monacor Digital Multiplexor*, *TP-Link 16-port switch*, *laptop* tad-ditta *ACER*, kompjuter u verżjoni ġdida tal-websajt www.lbv104.com.

Bidu tax-xogħol fuq il-bini tal-Mużew Storiku u Ċentru Kulturali fil-proġett *Il-Ħaġar – The Making of a People: A Cultural and Historical Eco-Museum* tal-*Fondazzjoni Belt Victoria*, parzjalment iffinanzjat mill-*Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013)* ta' l-Unjoni Ewropea.

### SOĊJETÀ FILARMONIKA *LA STELLA*

### GĦAQDA ARMAR FESTA SAN ĠORĠ

Bidu tax-xogħol fl-injam fuq il-planċier tal-banda (disinn: Renzo Gauci) għal Pjazza San Ġorġ minn Ino M. Attard.

Tlestija tad-dekorazzjoni tal-pedestalli ta’ Pjazza San Ġorġ.

Statwa ġdida ta’ Sant’Agata għal Pjazza Indipendenza minn Adonai Camilleri Cauchi.

Tkomplija tal-pittura tal-bandalori ta’ Pjazza Indipendenza minn Joseph Cauchi.

Restawr ta’ l-istatwa ta’ Santu Wistin ta’ Triq ir-Repubblika minn Adonai Camilleri Cauchi, megħjun minn Noel Sultana.

Restawr ta’ anġlu ta’ Pjazza San Franġisk minn James Azzopardi.

Tlestija tad-dekorazzjoni tal-pedestalli ta’ Pjazza San Franġisk.

Rħamar u induratura tat-trofej ta’ Pjazza Savina minn Joseph Cauchi u Karmnu Farrugia rispettivament.

Restawr ta’ żewġ anġli ta’ Triq Vajrinġa minn George Vella u Andrew Portelli.

Restawr ta’ seba’ kolonni ta’ l-anġli ta’ Triq Vajrinġa.

**L-*Għaqda Armar Festa San Ġorġ*, fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, trodd ħajr lill-benefatturi u l-voluntiera kollha tagħha.**